

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/61/UE

tat-2 ta' Settembru 2010

li tadatta għall-ewwel darba l-Annessi għad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi għall-progress tekniku u xjentifiku

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness I, it-Taqsima I.1, l-Anness II, it-Taqsima II.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1 għad-Direttiva 2008/68/KE jirreferu għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferroviji u b'passaġġi interni kif iddefinit fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.
- (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet internazzjonali jiġu aġġornati kull sentejn. Konsegwentement, il-verżjonijiet emendati ta' dawn il-ftehimiet għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011, b'perjodu tranżizzjonali sat-30 ta' Ġunju 2011.
- (3) L-Anness I, it-Taqsima I.1, l-Anness II, it-Taqsima II.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1 għad-Direttiva 2008/68/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan:
- (4) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

### Artikolu 1

#### Emendi għad-Direttiva 2008/68/KE

L-Annessi għad-Direttiva 2008/68/KE huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness I, it-Taqsima G.1 hija ssostitwita b'dan li ġej:

#### "I.1. ADR

Fl-Annessi A u B għall-ADR, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, huwa mifhum illi l-frażi 'parti kontraenti' tiġi ssostitwita bil-frażi 'Stat Membru' kif xieraq."

2. Fl-Anness II, it-Taqsima II.1 hija ssostitwita b'dan li ġej:

#### "II.1. RID

L-Anness għar-RID, li jidher fl-Appendiċi C għall-COTIF, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, huwa mifhum illi 'Stat Kontraenti fir-RID' hija ssostitwita bi 'Stat Membru' kif xieraq."

3. Fl-Anness III, it-Taqsima III.1 hija ssostitwita b'dan li ġej:

#### "III.1. ADN

Fir-Regolamenti annessi għall-ADN, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, kif ukoll l-Artikoli 3(f), 3(h), 8(1), 8(3) tal-ADN, huwa mifhum illi 'parti kontraenti' hija ssostitwita bi 'Stati Membri' kif xieraq."

### Artikolu 2

#### Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.

*Artikolu 3***Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4***Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---